## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Revoka Nru **1451/2023 (AD)**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru 24/2023 fl-ismijiet:**

**Raymond Fenech (K.I. 23960M)**

**vs**

**Charmaine Zammit (K.I. 456967M)**

**Seduta tal-Gimgha, dsatax (19) ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Charmaine Zammit (K.I 456967M) magħmula permezz ta rikors tal-21 ta Dicembru 2023 ai termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka u thassir tal-mandat ta' sekwestru numru 24/2023;

**Preliminari**

2. Permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta Ottubru 2022 Charmaine Zammit (minn issa l-quddiem imsejha 'ir-rikorrenti) giet interpellata thallas lil Raymond Fenech (minn issa l-quddiem 'is-sekwestrant') is-somma ta' miljun hames mija u erbatax il-elf tmien mija u erbgha u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,514834.22) rapprezentanti dejn cert likwidu u dovut u naxxenti minn tlett kuntratti datati 16 ta' Jannar 2020;
3. B'rikors preżentat nhar id-9 ta' Jannar 2023 Raymond Fenech (minn issa 'l quddiem *"is-sekwestrant"*) talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ezekutttiv a tenur tal-Artikolu 375 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta kontra Charmaine Zammit in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv konsistenti fl'ittra ufficjali 43663/22 kopja ta liema giet annessa mal-istess mandat .Din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba tas-sekwestrant permezz ta' digriet datat 12 ta Jannar 2023;
4. B'rikors preżentat nhar il-21 ta' Dicembru 2023 iir-rikorrenti Charmaine Zammit talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-12 ta Jannar 2023 fejn akkordat il-mandat ta sekwestru u sabiex tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors ghall-hrug ta mandat ta sekwestru ezekuttiv datat 9 ta' Jannar 2023 a tenur tal-Artikolu 281(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li ssostni li t-titolu ezekuttiv li fuqu huwa msejjes il-mandat de quo huwa difettuz. Ir-rikorrenti tghiid li d-debitu indikat mis-sekwestrant fl-ittra ufficjali 4363/22 annessa mal-mandat jirrizulta minn skritturi privati u mhux atti notarili u ghalhekk l-ittra ufficjali hija semplicement interpellazzjoni ghall-hlas. Ir-rikorrenti ssostni li dan sfugga lill-Qorti li akkordat il-mandat u dan ghhaliex it-titolu ezekuttiv li huwa necessarju ad validatem sabiex ikun jista jintalab il-hrug ta' mandat ezekuttiv huwa mankanti peress li skrittura privata ma tissemmiex fil-lista ta titoli ezekuttivi elenkati fl-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta. Ir-rikorrenti tirritjeni ghalhekk li s-sekwestrant ma seta qatt juzufruwixxi mill-procedura kontemplata fl-Artikolu 375 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma huwiex legalment possibbli li wiehed juzufruwixxi minn att illi bih tista' ssir l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv meta dak it-titolu ezekuttiv - il-bazi tal-azzjoni - ma jeizistix;

5. Permezz ta’ risposta datata 18 ta’ Jannar 2024 is-sekwestrant Raymond Fenech issottometta li t-talbiet rikorrenti hekk kif imsejsa fuq l-artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kellhom jigu michuda stante li din mhux il-procedura idoneja sabiex jigi kontestat it-titolu ezekuttiv li fuqu huwa msejjes il-mandat peress li fi procedura taht dan l-Artikolu il-Qorti tista’ tezamina biss il-formalitajiet tal-mandat ta sekwestru u jekk issib li ma hemm xejn difettuz fil-forma m’ghandhiex tidhol f’ezami tat-titolu ezekuttiv innifsu. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak li ghadu kemm inghad is-sekwestrant jichad li d-debitu jirrizulta minn skritturi privati u jsostni l-kreditu tieghu huwa redatt f’kuntratti quddiem Nutar kif jirrizulta mill-qari tal-istess kuntratti u li l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jinkludi bhala titoli ezekuttivi kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku jew minn ufficjal iehor pubbbliku awtorizzat li jirceviom izda minn imkien ma jirrizulta li l-lkuntratt ricevut min-nutar ghnadu jkun att pubbliku.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-18 ta’ Jannar 2024;

8. Rat li r-rikors thalla ghall-llum ghall-provvediment fil-miftuh.

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

<u>*L-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta*</u>

10. L-Artikolu 281 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista’ tagħmel*

*rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

11. Dwar din id-disposizzjoni fil-liġi, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***A.A.S.K. Enterprises Limited vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited***[1]:

*Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. Il-pregudizzju li parti interessata tallega li ggarrab jrid jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istharrig li l-Qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni taghha mill-bidu sal-ahhar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux gew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-gurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-esekuzzjoni*

[1] Rik Nru 28/2015 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru 23/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 12 ta' Frar 2015 (in ġudikat)

*ta` Mandat mhux fil-kuntest ta` l-Art 281 tal-Kap 12, izda fl-ambitu ta` l-presentata ta` rikors guramentat fi procediment ordinarju.*

12. Issir ukoll referenza ghall-pronunzjament fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 700/2019 fl-ismijiet **John Brian Engerer et vs Carmelo Engerer et** deciz fit**-22 ta' Novembru 2019** fejn b'riferenza ghall-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ntqal is-segwenti:

    *Minn dan kollu jirrizulta li ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza sabiex il-mandat jew att ezekutiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inharwg. Is-setgha tal-Qorti f'talba ta din ix-xorta hija limitata ghal ezami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istes qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet impost mill-Artikolu 274 tal-Kap. 12. (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Cvili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Pace vs Sultana).***

13. Fl-istess provvediment issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Mlata P.l.c vs Doris Conchin** deciza fit-**28 ta' Lulju 2011** u kkonfermata fl-appell fejn intqal hekk

    *"....l-ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghlet jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta kontrestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra".*

14. Mill-ezami tal-atti jirrizulta b'mod car li l-kwistjoni li ghandha qudidemha l-Qorti titratta l-mertu ghaliex ir-rikorrenti ssostni li t-titolu ezekuttiv li fuqu huwa msejjes dan il-mandat huwa difettuz ghaliex fil-fehma taghha id-dejn jirrizulta minn skritturi privati li ma jikkostitwux titolu ezekuttiv u mhux minn atti notarili filwaqt li s-sekwestrant min-naha l-ohra jikkontendi li huma kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku li jaqghu fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Mlalta. Dan ifisser li r-rikorenti mhux qed tallega xi difett fil-forma tal-mandat jew li l-istess mandat inhareg minn Qorti hazina izda difett fil-forma fil-kuntratt li jikkostitwixxi t-titolu ezekuttiv. Fil-fehma tal-Qorti ir-ragunijiet li ssemmi ir-rikorrenti ezekutata sabiex tattakka it-titolu ezekuttiv jmorru lil hinn mill-istharrig li din il-Qorti tista jew hija mistennija taghmel fi procedura bhal dik odjerna ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda mhux biss l-ezekuttivita' tat-titolu izda s-siwi fil-mertu tal-istess titolu.
15. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi l-proċedura adottata mir-rikorrenti mhix dik idoneja fil-parametri tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u sejra għalhekk **tiċħad** it-talba rikorrenti.

**Decide**

16. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**